# ASSOCJAZZJONI TAL-GOLF F'MALTA

## KOSTITUZZJONI (07.03.2017)

### 1. Provizjonijiet Generali

1.1 L-Assocjazzjoni tkun imsejha l-Assocjazzjoni tal-Golf f'Malta (minn issa 'l quddiem tigi riferuta bhala l-Assocjazzjoni).

1.2 L-Assocjazzjoni tkun l-unika entità li tiggverna l-iSport tal-Golf fil-Gzejjer Maltin.

1.3 l-Assocjazzjoni tkun l-unjoni tal-membri affiljati taghha fil-Gzejjer Maltin.

1.4 L-ufficcju registrat ta' l-Assocjazzjoni huwa L-Assocjazzjoni tal-Golf f'Malta, c/o Royal Malta Golf Club, Triq Aldo Moro, Marsa MRS 9064, Malta.

### 2. Oggettivi

L-Assocjazzjoni hi organizzazzjoni volontarja mmexxija mhux ghall-profitt u hi stabbilita biex tagixxi bhala l-entità governanti (u biex tippromwovi, tamministra u tinkoraggixxi) l-Sport tal-Golf fil-Gzejjer Maltin u b'mod partikolari:

2.1 Biex tikkoopera mal-R&A f'St. Andrews, l-Iskozja u biex tirrikonoxxi lil r-*R&A Rules Limited* bhala l-awtorità li tiehu d-decizjonijiet finali biex tiddetermina r-*Rules of Golf* u r-*Rules of Amateur Status*.

2.2 Biex tikkoopera mal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Golf, ma' l-Assocjazzjoni Ewropea tal-Golf, mal-Federazzjoni tal-Golf fil-Mediterran u ma' assocjazzjonijiet internazzjonali ohra tal-golf biex tippromovi l-*Golf.*

2.3 Biex isservi bhala l-membru rapprezentattiv fil-Gzejjer Maltin f'affarijiet internazzjonali u biex taffilja ruhha u taqdi funzjonijiet iddelegati lilha mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Golf, mill-Assocjazzjoni Ewropea tal-Golf, mill-Federazzjoni tal-Golf fil-Mediterran u minn entitajiet ohra relevanti.

2.4 Biex tizviluppa u ssostni relazzjonijiet bejn l-Assocjazzjoni u il-Kunsill Malti ghall-iSport, il-Kumitat Olimpiku Malti u dipartimenti governattivi jew awtoritajiet lokali ohra.

2.5 Bhala l-*Union* affiljata mal-*Council of National Golf Unions* (CONGU) u bhala l-*National Association* affiljata ma' l-Assocjazzjoni Ewropea tal-Golf (EGA), biex tahtar l-*Area Authority* li tagixxi f'isem l-Assocjazzjoni ghall-finijiet tas-sistema fil-*handicapping* fiz-zona specifikata u tkun responsabbli ghal u tghin lill-*Awtorità Zona* u l-Klabb fiz-zamma ta' sistema uniformi tal-*handicapping.*

2.6 Biex tikkoordina, torganizza u tippromovi kampjonati nazzjonali u kompetizzjonijiet internazzjonali u loghbiet ohra fil-Gzejjer Maltin u biex tkun responsabbli mill-ghazla u l-koordinazzjoni ta’ ufficjali ghal attivitajiet bhal dawn.

2.7 Biex tistabilixxi u tkun responsabbli ghaz-zamma ta’ polza ta’ *anti-doping* skond l-Avviz Legal 281 ta’ l-Att Dwar L-iSports.

**3. Obbligazzjonijiet**

3.1 L-Assocjazzjoni tkun responasabbli ghall-ghazla, tmexxija u kontroll ta’ individwi u/jew timijiet biex jirraprezentaw lill-Assocjazzjoni f’attivitajiet internazzjonali.

3.2 L-Assocjazzjoni tizgura li l-ebda atleta jew ufficjal iehor hlief membru affiljat jew assocjat maghha ma jikkompeti jew jaqdi dmirijiet ta’ ufficjal f’kull attività organizzata mill-Assocjazzjoni jew jirrapprezenta l-Assocjazzjoni f’attività internazzjonali.

3.3 L-Assocjazzjoni tizgura li *amatuer golfers* biss kif definiti mil r-*R&A Rules Limited* jistghu jiehdu sehem fl-attivitajiet taghha.

**4. Shubija u Affiljazzjoni**.

4.1 Kull *amateur golfer* li hu membru ta’ Klabb (facilità li tikkonsisti f’korsa tal-golf ta’ 9 toqob jew aktar) jew Socjetà tal-Golf fil-limiti geografikali ta’ l-Assocjazzjoni (minn issa ’l quddiem riferut bhala l-Klabb), bla distinzjoni ta’ sess, kulur jew religjon, hu membru affiljat jew ordinarju ta’ l-Assocjazzjoni.

4.2 L-Assocjazzjoni jkollha dawn il-kategoriji ta’ shubija:

4.2.1 Membri Affiljati - li jkunu residenti f’Malta b’karta tal-identità valida mahruga mill-Gvern ta’ Malta.

4.2.2 Membri Ordinarji - li jkunu individwi minghajr karta tal-identità Maltija jew individwi b'interess fil-loghba tal-golf imma li ma jkunux membri ta' Klabb.

4.2.3 Membri Assocjati - li jkunu individwi b'nazzjonalità Maltija membri ta' klabb barrani.

4.2.4 Membri Onorarji - li jkunu persuni li l-Assocjazzjoni tkun tixtieq tonora bhala apprezzament ta’ xi servizzi specjali li jkunu taw lill-Assocjazzjoni jew ghal-loghba tal-Golf

4.3 Biex l-Assocjazzjoni tkun tista’ tissodisfa l-obbligi taghha, il-Klabb se jipprovdi lill-Assocjazzjoni, mill-inqas darba kull sena, lista ta’ membri bil-*golf handicap* taghhom.

4.4 Il-Membri kollha minbarra dawk onorarji jridu jhallsu mezata annwali kif decizmill-Kunsill Ezekuttiv ta’ l-Assocjazzjoni. Membri affiljati u ordinarji jridu jaghmlu dan bis-sahha tal-Klabb taghhom.

4.5 Il-mizati tas-shubija kollha jigu fis-sehh minn meta s-shubija tigi accettata u sussegwenti fl-1 ta’ April. Il-mizati tas-shubija ghal membri affiljati u ordinarji jigu

moghtija f'somma wahda milll-Klabb taghhom u jkunu ekwivalenti ghan-numru ta' membri multiplikat bil-mizata ghal kull membru.

4.6 L-Assocjazzjoni tirrizerva d-dritt biex tirrifjuta applikazzjoni ghas-shubija, dejjem jekk il-merti ta' l-applikazzjoni jkunu gew diskussi u bhala konsegwenza l- applikazzjoni tkun giet rifjutata ghal xi raguni valida (li m'ghandhiex ghalfejn tigi moghtija) mill-Kunsill Ezekuttiv ta' l-Assocjazzjoni b'decizjoni ta' maggoranza semplici.

4.7 Ikun hemm perjodu ta' 24-il xhar qabel membru jkun jista' jivvota fuq kwalunkwe materja tal-Assocjazzjoni.

## 5. Tmexxija u Amministrazzjoni

5.1 L-entità governanti ta' l-Assocjazzjoni tkun imsejha l-Kunsill Ezekuttiv. It-tmexxija kollha ta' l-affarijiet ta' l-Assocjazzjoni tkun afdata fil-Kunsill Ezekuttiv, bi qbil mal-provizjonijiet u r-regolamenti ta' din il-Kostituzzjoni.

5.2 Biss dawk il-membri li ghandhom aktar minn 18-il sena u li huma membri affiljati ta' l-Assocjazzjoni jistghu jkunu eligibli li jservu fil-Kunsill Ezekuttiv. Il-President u s-Segretarju irridu jkunu ta' nazzjonalità maltija u mharrga fil-lingwa maltija.

5.3 Hlief kif ipprovdut fil-paragrafi 7.4, il-Kunsill Ezekuttiv ikun kompost minn:

President Onorarju
Segretarju Onorarju
Tezorier Onorarju
Membru Onorarju
Membru Onorarju

5.4 Il-postijiet tal-Kunsill Ezekuttiv huma gratis u l-ebda ufficjal tal-Kunsill Ezekuttiv ma jkun imhallas salarju jew jircievi hlas ghas-servizzi li jaghti lill-Assocjazzjoni.

5.5 Il-President imexxi l-laqghat tal-Kunsill Ezekuttiv. Fl-assenza tal-President, ic-*Chairman* jigi appuntat fil-laqgha mill-ufficjali l-ohra tal-Kunsill Ezekuttiv.

5.6 Il-Kunsill Ezekuttiv jigi mlaqqa' mhux anqas minn darbtejn f'sena.

5.7 Kull ufficjal tal-Kunsill Ezekuttiv jista' jitlob lis-Segretarju biex jiltaqgha il-Kunsill Ezekuttiv. L-ufficjal ghandu jaghti l-ghan tal-laqgha bil-miktub lis-Segretarju u dan jrid jsejjah laqgha fi tletin gurnata minn meta jircievi din t-talba bil-miktub.

5.8 L-agenda ghal-laqghat tal-Kunsill Ezekuttiv trid tigi mibghuta lil l-ufficjali tal-Kunsill Ezekuttiv mill-anqas sebat ijiem qabel. Fl-eventwalità ta' laqgha urgenti tal-Kunsill Ezekuttiv, is-Segretarju jista' ma jibghatx agenda imma jkun obbligat li jinforma lil l-ufficjali kollha tal-Kunsill Ezekuttiv b'kull mod possibbli.

5.9 Tliet ufficjali tal-Kunsill Ezekuttiv, li wiehed minnhom irid ikun il-President jew is-Segretarju, jiffurmaw kworum biex tkun tista' ssir il-laqgha tal-Kunsill Ezekuttiv.

5.10 Kull ufficjal tal-Kunsill Ezekuttiv ikollu vot wiehed u kull decizjoni trid tittiehed b'maggoranza semplici. Ic-*Chairman* tal-laqgha jkollu l-vot deciziv fil-kaz li l-voti jigu ndaqs.

5.11 Is-sena finanzjarja u amministrattiva ta' l-Assocjazzjoni tkun mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Dicembru. Ir-rapporti kollha mill-ufficajli rispettivi tal-Kunsill Ezekuttiv iridu jkunu prezentati bil-miktub fil-Laqgha Generali Annwali ta' l-Assocjazzjoni, li ssir kif imsemmi fi Klawsola 6 ta' din il-Kostituzzjoni.

5.12 Il-Kunsill Ezekkutiv se jistieden ghal laqghat tieghu, dawk ir-rappresentati appuntati mill-Klabbs registrati mall-Assocjazzjoni. Dawn ir-rappresentati ma jkollhomx dritt tal-vot fuq il-Kunsill.

5.13 Il-membri tal-Assocjazzjoni jintrabtu biex jehilsu l-ufficjali tal-Kunsill Ezekkutiv minn obligazzjonijiet li jistghu jfeggu waqt il-qaghdi taghhom favur l-Assocjazzjoni b'mod onest u mhux qarrieqi.

## 6. Laqghat Generali

6.1 Il-Laqgha Generali Annwali ta' l-Assocjazzjoni ssir sa mhux aktar tard mit-30 ta' April fil-hin u l-post li jista' jiddeciedi fuqhom il-Kunsill Ezekuttiv.

6.2 Laqghat ohra ta' l-Assocjazzjoni jistghu jigu msejha meta jiddeciedi l-Kunsill Ezekuttiv jew b'talba bil-miktub minn hamsa u ghoxrin membri affiljati ta' l-Assocjazzjoni fejn ikun mgharraf l-ghan li ghalih il-laqgha tkun mehtiega.

6.3 Avviz ta' laqgha bhal din irid jinghata tmienja u ghoxrin gurnata qabel lill-membri kollha ta' l-Assocjazzjoni imma l-membri affiljati ta' l-Assocjazzoni biss jithallew jivvutaw waqt laqghat bhal dawn.

6.4 Kull membru affiljat li jixtieq iressaq rezoluzzjoni waqt laqghat bhal dawn irid jaghmel avviz tar-rezoluzzjoni bil-miktub lis-Segretarju mill-anqas wiehed u ghoxrin gurnata qabel id-data proposta tal-laqgha. Kull amenda fir-rezoluzzjoni trid isir bil-miktub u tasal f'idejn is-Segretarju ta' l-Assocjazzjoni mill-anqas erbatax-il gurnata qabel id-data tal-laqgha. Kull rezoluzzjoni jew amenda tkun imwassla minnufih lill-Klabbs.

6.5 L-agenda bIl-punti li jkunu jridu jigu diskussi waqt il-laqghat generali ghanda tigi komunikata lill-Klabbs mhux anqas minn sebat ijiem qabel id-data proposta tal-Laqgha u l-ebda punt iehor ma jkun jista' jigi diskuss f'din il-laqgha.

6.6 L-Agenda ghal Laqgha Generali Annwali ta' l-Assocjazzjoni ghandha tinkludi:

Il-qari u l-approvazzjoni tal-minuti ta' l-ahhar Laqghat Generali
Prezentazzjoni tar-Rapporti kollha
Il-hatra tal-Awdituri
Mozzjonijiet ta' emendi fil-Kostituzzjoni (jekk ikun hemm)
Elezzjoni ta' Ufficjali tal-Kunsill Ezekuttiv (meta tapplika)

6.7 Il-President Onorarju ta' l-Assocjazzjoni jew jekk mhux hu, ufficjal iehor tal-Kunsill Ezekuttiv, maghzul mill-Kunsill Ezekuttiv ghal dan l-ghan, imexxi kull Laqgha Generali u d-decizjoni li jiehu fuq ir-rizultat tal-votazzjoni ta' kull punt tkun finali. Kull membru affiljat prezenti jkun intitolat ghal vot wiehed ghal kull mozzjoni li tista' ssir b'vot sigriet, jekk dan ikun mitlub minn 10% ta' dawk il-membri afiljati prezenti. Ir-rizoluzzjoni tghaddi b'maggoranza ta' aktar minn zewg terzi tal-voti.

6.8 Il-kworum waqt Laqgha ta’ l-Assocjazzjoni irid tkun ta’ hamsa u ghoxrin. Jekk fi zmien 15-il minuta mill-hin appuntat biex tibda l-laqgha generali kworum ma jkunx prezenti, il-laqgha jekk imsejha fuq talba tal-membri affiljati, tigi xolta. F’kazi ohra, jekk il-kworum ma jkunx prezenti fil-hin stipulat, din il-laqgha trid tibda 15-il minuta wara, irrispettiv min-numru tal-persuni prezenti.

6.9 Ic-Chairman tal-laqgha, bil-kunsens ta’ Laqgha fejn kworum huwa prezenti (u f’dan il-kaz jekk hekk dirett mill-laqgha) jista’ jaggorna l-Laqgha minn hin ghal iehor, u minn post ghal iehor. Jekk dan isir, ma tista’ tittiehed decizjoni fuq ebda punt iehor hlief il-punti li setghu ttiehdet decizjoni fuqhom mil-laqgha li tkun giet aggornata. Kull meta Laqgha bhal din tigi aggornata ghal 14-il gurnata jew aktar, avviz tal-Laqgha aggornata jrid jasal bhal meta giet imlaqqqa’ l-ewwel Laqgha. Hlief ghal kif hawn miktub, il-membri affiljati ma jkunux intitolati ghal avviz ta’ aggornament, jew tal-punti li jkunu jridu jigu diskussi waqt il-Laqgha aggornata.

6.10 Ic-Chairman tal-Laqgha jista’, minghajr il-kunsens tal-Laqgha, jaggorna kull Laqgha (sew jekk tkun bdiet anke jekk ma bdietx jew kworum ikun prezenti) jew minghajr ma jerga’ jaghzel data ohra ghal-Laqgha jew hin iehor jew post iehor jekk hu jidhirlu li:

(a) Membri li jixtiequ jattendu mhux konvenjenti ghalihom li jingabru f’certu post;

(b) Il-kondotta tal-persuni prezenti tista’ xxekkel jew tista’ zzomm milli ssir Laqgha fl-ordni waqt id-diskussjoni tal-punti;

(c) Aggornament min-naha l-ohra jkun necessarju biex il-punti tal-Laqgha jkunu jistghu jigu diskussi kif suppost.

**7. Elezzjoni tal-Kunsill Ezekuttiv**

7.1 L-ufficjali tal-Kunsill Ezekuttiv normalment jigu eletti waqt Laqgha Generali Annwali ta’ l-Assocjazzjoni b’vot sigriet.

7.2 Jekk membru affiljat ikun jixtieq jikkontesta wiehed mill-postijiet eligibli ghall-elezzjoni, hu ghandu jaghmel dan bil-miktub lis-segretarju fuq il-formola apposta provduta, mill-anqas erbatax-il gurnata qabel id-data proposta tal-Laqgha Generali Annwali ta’ l-Assocjazzjoni. Applikazzjoni bhal din trid tkun proposta u sekondata minn membri affiljati. Dawn in-nominazzjonijiet ikunu komunikati lill-Klabb sa mhux anqas minn sebat ijiem qabel id-data proposta tal-Laqgha Generali Annwali.

7.3 Elezzjonijiet, meta jkun hemm bzonn, ghal Kunsill Ezekuttiv isiru f’din l-ordni: l-President, is-Segretarju, t-Tezorier, u iz-zewg Membri.

7.4 Hlief kif ipprovdut hawn taht, il-persuni bl-oghla numru ta’ voti ghandhom ikunu eletti bhala ufficjali tal-Kunsill, ghandhom iservu ghal erba’ snin u fit-tmiem ta’ liema terminu huma jistghu joffru lilhom infushom biex jergghu jigu eletti mill-membri affiljati.

7.4.1 Fil-kaz ta’ voti ndaqs ghal kwalunkwe mill-postijiet battala, ssir votazzjoni ohra fost il-membri prezenti ghal-Laqgha sakemm wiehed mill-kandidati jgib maggoranza semplici tal-voti mitfugha.

7.4.2 Hlief li l-Kunsill Ezekuttiv ghandu jkollu mill-inqas ragel membru wiehed u mill-inqas wahda mara membru.

7.4.3 Fin-nuqqas ta' dan, ir-ragel jew il-mara li jiksbu l-oghla numru ta' voti sussegwenti minn dawk il-membri li hargu ghall-elezzjoni, ghandhom jigu dikjarati eletti minkejja li hu/hi ma tkunx inkluza mal-ghola hames postijiet u b'hekk il-kompozizzjoni tal-Kunsill Ezekuttiv tizdied ghall sitt membri.

7.4.4 Jekk ebda ragel/mara ma jkun elett kif intqal aktar 'il fuq, biex hekk jitwettaq l-artikolu 7.4.2, il-Kunsill Ezekuttiv ghandu matul l-ewwel laqgha tieghu itella fuq il-Kunsill Ezekuttiv (b'*co-option*) dak ir-ragel jew il-mara, mehtieġa, bhala Membru tal-Kunsill Ezekuttiv bi drittijiet kollha tal-vot.

7.5 Jekk fl-eventwalità li wiehed minn dawn il-postijiet jigi vakant, wiehed mill-ufficjali tal-Kunsill Ezekuttiv jigi assenjat biex jiehu postu sal-Laqgha Generali Annwali li jkun imiss.

## 8. Dmirijiet u Poteri tal-Kunsill Ezekuttiv

8.1 Il-President dejjem jirrapprezenta lill-Assocjazzjoni. Hu jippresedi fuq il-Kunsill Ezekuttiv u fuq il-Laqghat Generali u kull funzjoni ufficjali ta' l-Assocjazzjoni.

8.2 Il-President jista' jiddelega ufficjal iehor mill-Kunsill Ezekuttiv biex jirrapprezenta lill-Assocjazzjoni minn floku.

8.3 Il-President hu responsabbli, flimkien mas-Segretarju, biex jifformula l-agenda ghal-laqghat, u biex isejjah Kunsill Ezekuttiv u Laqghat Generali.

8.4 Is-Segretarju, barra d-dmirijiet normali segretarjali tieghu, ikun responsabbli biex iqassam l-agenda ghal kull laqgha tal-Kunsill Ezekuttiv u Laqghat Generali; biex izomm il-minuti ta' kull laqgha; biex jaqra u jiddistribwixxi l-korrispondenza ta' l-Assocjazzjoni; u biex jiddistribwixxi kull informazzjoni relevanti lill-membri ta' l-Assocjazzjoni.

8.5 It-Tezorier, barra d-dmirijiet finanzjarji normali, ikun responsabbli biex izomm rikordji tajbin tal-fondi ta' l-Assocjazzjoni; biex jipprepara u jissottometti rapporti finanzjarji meta jkun hemm bzonn u biex jigbor il-mezati ta' shubija mill-membri ta' l-Assocjazzjoni.

8.6 L-ufficcju ta' kull ufficjal tal-Kunsill Ezekuttiv jigi vakanti:

(a) Meta jilhaq l-età ta' 75 sena;

(b) Jekk mohhu ma jibqax tajjeb;

(c) Jekk ifalli finanzjarjament jew jaghmel xi arrangament jew kompozizzjoni mal-kredituri in generali;

(d) Jekk b'avviz bil-kitba lill-Assocjazzjoni jirrizenja mill-ufficcju;

(e) Jekk jigi projbit milli jzomm l-ufficcju tieghu fuq ordni tal-qorti;

(f) Jekk jigi mitlub jirrizenja mill-ufficjali l-ohra kollha tal-Kunsill Ezekuttiv flimkien.

8.7 Ir-rapprezentanza legali ta' l-Assocjazzjoni tkun ir-responsabilità tal-President jew il-persuna jew persuni hekk mahtura ghall-kwistjoni partikolari mill-Kunsill Ezekuttiv.

8.8 Il-Kunsill Ezekuttiv ikollu l-poter jahtar persuna jew grupp ta' persuni biex jassistuha fuq punti legali; teknici; dixxiplinari jew affarijiet relatati mat-tmexxija ta' l-affarijiet ta' l-Assocjazzjoni.

8.9 Il-Kunsill Ezekuttiv ikollu l-poter igieghel lill-klabb biex jissospendi l-*Handicap* ta' kwalunkwe wiehed mill-membri taghha

8.10 Il-Kunsill Ezekuttiv ikollu l-poter biex jaghmel, jirtira jew jemenda regoli, mekkanizmi u *standing orders* biex l-amministrazzjoni tat-tmexxija tal-golf titjieb u tinkludi (minghajr limitazzjonijiet)

(a) Regoli ghall-ghazla tal-kompeptituri biex jirraprezentaw lil Malta f'loghbiet internazzjonali u t-tmexxija ta' kull team ta' kompetituri maghzula;

(b) Regoli biex jikkombattu d-doping fil-*Golf* u biex jigi zgurat li r-regoli nazzjonali u internazzjonali dwar id-*doping* jigu mharsa.

## 9. Emendi fil-Kostituzzjoni

9.1 Il-Kunsill Ezekuttiv ikollu l-poter biex jaghmel, jirtira jew jemenda *Bye-Laws* kif ihoss necessarju minn zmien ghal zmien, ghat-tmexxija interna ta' l-Assocjazzjoni u *Bye-Law* gdida, irtirata jew emendata tibqa' tghodd sakemm tigi konfermata, irtirata jew emendata waqt il-Laqgha Generali ta' l-Assocjazzjoni jew waqt Laqgha Specjali msejha apposta ghal dan il-ghan.

9.2 Il-Kostituzzjoni ta' l-Assocjazzjoni tkun emendata biss b'maggoranza ta zewg terzi mill-membri affiljati kollha li ghandhom vot prezenti fl-Laqgha Generali.

9.3 Il-Klawsoli 9.2 u 9.3 tal-Kostituzzjoni jistghu jkunu emendati b'vot unanimu tal-membri affiljati kollha presenti fil-laqgha Generali.

## 10. Xoljiment

Fl-eventwalità ta' xoljiment ta' l-Assocjazzjoni, l-assi kollha ta' l-Assocjazzjoni ghandhom jghaddu favur organizzazzjoni ohra mhux ghall-profitt bil-ghan simili bhala tal-Assocjazzjoni liema organizzazzjoni tista' tigi maghzula mill-Kunsill Ezekuttiv, jew mill-membri jew mill-Qrati ta' Malta.

## 11. Interpretazzjoni

11.1 Il-kliem kollha ta' din il-Kostituzzjoni (u fir-regoli u l-*Bye-Laws* taht il-Klawsoli 8.9 u/jew 9.1) li jirreferu ghas-singular biss u maskili biss jinkludu rispettivament l-plural u l-femminil u vice versa sakemm ma jkunx konsistenti mal-kuntest.

11.2 Il-lingwa maltija u l-lingwa ingliza jkunu l-lingwi ufficjali ta' l-Assocjazzjoni u l-Assocjazzjoni tista' ghal kull ghan ufficjali tuza liema lingwa trid. L-Assocjazzjoni tista', waqt li tirregola l-proceduri taghha, tiddetermina l-lingwa jew lingwi li jkunu ser jintuzaw waqt il-proceduri taghha jew l-arkivji. Kull persuna tista' tindirizza lill-

Assocjazzjoni b'liema lingwa ufficjali trid u r-risposta ta' l-Assocjazzjoni tista' tinghata bl-istess mod, b' traduzzjoni hielsa fejn applikabli.

11.3 Il-verzjoni ufficjali tal-Kostituzzjoni hi dik bil-lingwa maltija u din il-verzjoni tirbah jekk ikun hemm xi nkonsistenza mat-traduzzjoni ingliza.

**NOTI:**

**Moghddija l-ewwel darba f'Laqgha Straordinarja nhar il-Hamis 20 t'April, 2006.**

**Klawsoli 4.5 u 6.1 emendati fil-Laqgha Generali tat-Tlieta 25 ta' Marzu, 2008.**

**Klawsoli 2, 2.1, 2.5, 4.1, 4.2.1, 4.3, 5.2, 5.12 u 8 emendati fil-Laqgha Generali tal-Hamis 22 ta' April, 2010.**

**L-i*Standards of Good Practice* u dokumenti relatati *(Children in Golf Protection Policy & Procedures)* moghddija bhala *bye-law* fil-Laqgha Generali tal-Hamis 22 ta' April, 2010.**

**Klawsoli 1.4 u 10 emendati fil-Laqgha Generali tal-Erbgha 25 ta' April, 2012.**

**L-*MGA Grievance Procedures, l-MGA Disciplinary Process u l-MGA Amatuer Status* moghddija bhala *bye-laws* fil-Laqgha Generali tal-Erbgha 25 ta' April, 2012.**

**Klawsola 2.7 emendata fil-Laqgha Generali tat-Tlieta 11 ta' Marzu, 2014.**

**Klawsoli 5.11, 6.1, 6.6, 7.1, 7.2 u 7.5 emendati fil-Laqgha Generali tal-Erbgha 24 ta' Frar, 2016.**

**Klawsoli 5.3 u 7.4 emendati fil-Laqgha Generali tat-Tlieta 7 ta' Marzu, 2017.**